Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 600 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Maurice Curmi

Vs

Paul Zarb

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Paul Zarb detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 455475 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-28 ta' Frar 2016 ghall-habta tad-08:40hrs waqt li kien fi Triq Ghajn Tuffieha, San Pawl il-Bahar:

1. Ghamel lil John Galea ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.
2. U aktar talli bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' John Galea weggghu bi kliem, b'gesti, b'disinji jew b'xi mod iehor.

3. U aktar talli hebb ghall-persuna ta' John Galea u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skont kif iccertifika Dr. Mohamed Almuqamam MD reg 5650 mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.
4. U aktar talli volontarjament ghamel hsara fuq vettura b'numru ta' registrazzjoni TFI-311 tal-ghamla Toyota liema hsara tiswa €153.40 ghad-detriment ta' John Galea.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' John Galea (Kap 9 sec 412C).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li sofra John Galea (Kap 9 sec 380).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Dicembru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat artikolu 221 (1) u artikolu 328 (d) tal-Kodici Kriminali, iddikjarat lill-imputat Paul Zarb hati tat-tielet imputazzjoni u tar-raba imputazzjoni fis-sens li qed issibu hati tar-reat minuri, izda kompriz u involut f' dak imputat, ta' hsara involontarja, u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-lum, filwaqt li illiberatu mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni stante li dawn ma gewx sodisfacentement ippruvati.

In oltre, wara li rat artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat Paul Zarb sabiex ihallas lil John Galea is-somma ta' mija u tlieta u hamsin ewro u erbghin centezmu (€153.40) rapprezentanti hsarat sofferti minnu fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni TFI 311 fi zmien xahar (1) mill-lum.

Finalment, il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22 (3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, kemm rresponsabilita' tieghu u x' jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Paul Zarb, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Dicembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti odjern mhux hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, thassar, tirrevoka u tannulla is-sentenza appellata billi tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament, f' kaz li l-Qorti xorta wahda ssib htija fil-konfront tal-appellanti, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta u minflok tinfliggi piena anqas.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. L-Ewwel Qorti ghamlet aprezzament, b' kull rispett, ghal kollox zbaljat tal-evidenza mressqa quddiemha.

Anke mill-ewwel konsiderandi tal-Ewwel Qorti jirrizulta bic-car illi din abbraccjat ghal kollox il-verzjoni li forna Galea filwaqt li skartat il-verzjoni tal-appellanti u tax-xhieda minnu prodotti.

L-Ewwel Qorti filfatt iddeskriviet is-sewqan tal-appellanti bhala wiehed li kien "jippekka" in kwantu huwa qala' siequ minn fuq il-pedali tar-rota, idu minn fuq l-isteering u "kien qed isuq qrib hafna tal-vettura (...) u wkoll zamm mal-istess vettura (...)". B' kull rispett lejn l-Ewwel Qorti kull ma ghamel l-appellanti meta qala' idejh jew saqajh minn mar-rota tieghu kien li jipprova jipprotegi lilu nnifsu minn sewwieq

spazjentat li minflok irrispetta c-ciklist, avvicinah u rassu. Jirrizulta filfatt mill-affidavit ta' PS 1157 Bertyl Aquilina illi kien proprju Galea li avvicina lill-appellanti sabiex jiehu s-sodisfazzjon — "minn hemm jien naqqast l-speed sabiex nkelmu minn go t-tieqa u nghidlu jersaq minn nofs ta' triq". B' kulI rispett lejn il-konkluzjonijiet milhuqa mill-Ewwel Qorti, ma huwa xejn verosimili li kien l-imputat li tellef il-koncentrazzjoni ta' Galea li b' mod traskurat ghall-ahhar avvicina r-rota tal-appellanti. Hija wisq naturali li ciklist, li qieghed isuq bil-hamsin kilometru fis-siegha u li jigi avvicinat minn vettura (ghaddejja wkoll s' intendi, bl-istess velocita') ihossu mhedded u jirreagixxi sabiex jiprotegi lilu nnifsu, partikolarment meta fuq in-naha tax-xellug tieghu c-ciklist ghandu cint interrott li wara dan ic-cint 'l isfel mill-livell tat-triq, ghelieqi. Inoltre, ex admissis, kien Galea li qorob lejn ir-rota tal-appellant u mhux dan tal-ahhar, kif erronjament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. Dan ma huwiex kontestat.

Galea jkompli jistqarr ma' PS 1157 Bertyl Aquilina li "minghajr ma ridt jiena u nkellem Ii ta' rota l-karozza tieghi gibdet ghal genb u rasset ghal mal-hajt tal-ghalqa u kien hemm x' hin waqa' mal-art" L-Ewwel Qorti ngustament ssanzjonat lill-appellanti 'l ghaliex qala' jdejh jew saqajh minn fuq ir-rota sabiex jipprotegi lilu nnifsu pero' naqset li tara li kien proprju Galea li avvicina lill-appellanti u holoq l-istat ta' emergenza ghal dan tal-ahhar. Il-fatt jibqa' allura li, kieku Galea ma agixxiex bil-mod kif filfatt agixxa, l-appellanti qatt ma kien jaqa' minn fuq ir-rota u l-incident odjern ma kien qatt isehh. Minflok, l-Ewwel Qorti, b' sentenza moghtija dakinhar stess tal-1 ta' Dieembru 2016 ghaddiet sabiex issib htija fl-imputat u tillibera, fl-opinjoni tal-appellanti inspjegabbilment, lil Galea (ara sentenza Magistrat Dott. Charmaine Galea LL.D., deciza 1 ta' Dicembru, 2016, Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) -vs- John Galea (K. I nru. 144154 M) ). L-odjern pero' ma huwiex appell mis-sentenza moghtija fil-konfront ta' John Galea u ghalhekk l-esponenti ma huwiex sejjer javvanza argument relalati mas-suppost sejbien ta' htija fl-istess Galea.

Hija ghalhekk l-umili sottomissjoni tal-appellanti illi fl-isfond tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti, kellu jkun inekwivoku 'illi tali provi ma setghu qatt iwasslu

ghal sejbien ta' htija fl-appellanti.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u in linea sussidjarja, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti taghzel li tikkonferma l-htija, il-piena inflitta hija f' kull kaz wahda sproporzjonata.

Dan l-aggravvju huwa minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, u huwa ghaldaqstant wiehed sussidjarju.

Jinghad bl-akbar rispett illi fic-cirkostanzi kif spjegati meta kien qieghed jigi trattat l-ewwel aggravvju, il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija sproporzjonatament twila, partikolarment meta l-Ewwel Qorti kienet qieghda titratta ma' persuna b' fedina penali netta.

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta jishaq illi kien l-parti leza li avvicina lill-appellanti bil-vettura tieghu u holoq stat ta' emergenza ghalih li kien qed isuq ir-rota tant illi dan spicca tilef il-bilanc hekk kif il-vettura messet mieghu u spicca waqa' fl-art. Kwindi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija fl-appellanti ghar-reat minuri tal-hsara involontarja billi ma kienx b'xi nuqqas ta' prudenza, jew negligenza da parti tieghu illi l-parti leza resaq vicin tieghu bil-vettura u b'hekk laqat ir-rota biex sehhet il-hsara rappurata f'dik il-vettura

Illi "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwiex id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-**

**Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Issa l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellanti ghar-reat tal-hsara involontarja fuq il-vettura ta'l-parti leza John Galea kif ukoll illi huwa ikkaguna feriti hfief fuq l-istess Galea waqt id-divverbju li inqala' bejniethom fejn huma spiccaw gew fl-idejn. Issa l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-appellanti bl-agir tieghu holoq emergenza subitanea tant illi fixkel lill-parti leza fis-sewqan tieghu biex b'hekk sehh l-iskontru bejn il-vettura misjuqa minn Galea u ir-rota misjuqa mill-appellanti. Kien dan l-impatt, fil-fehma taghha, illi wassal ghal hsarat li garrbet il-vettura tal-parti leza.

Issa *"il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cioe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni.*[2]"

Dan l-insenjament ghandu jigi interpetat illi anke in-non osservanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma ir-regoli u ir-regolamenti li jinsabu fl-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn jistghu allura iwasslu ghall-event dannuz. Hekk stqarret l-Ewwel Qorti meta qieset illi l-imgieba ta'l-appellanti fis-sewqan tieghu kien jippekka fl-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku li ghandu isegwi ciklista meta jkun qieghed juza triq pubblika, specjalment meta in-numru taghhom ikun tant illi jista' jipprezenta ostakolu ghas-sewwieqa, kif jidher li sehh f'dan il-kaz. Il-parti leza jishaq illi huwa sab ruhu f'sitwazzjoni fejn la seta' johrog lejn nofs it-triq sabiex jevita li jolqot ic-ciklisti, inkluz allura lill-appellanti billi kien hemm it-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta u lanqas seta' jersaq lejn genb it-triq ghaliex hekk kien certament jolqot lic-ciklisti. Bl-uzu tal-horn huwa beda jallerta lic-ciklisti ghal dan il-periklu, izda l-appellanti minflok waqqaf u genneb mal-hajt sabiex jippermetti lil

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008
[2] Il-Pulizija vs aSaverina sive Rini Borg et

vettura tghaddi, infexx b'ghajjat u rabbja diretti lejn l-parti leza. Dan ta'l-ahhar jidher li tfixkel b'din ir-reazzjoni u resaq vicin ic-ciklista biex jipprova ikellmu izda dan ta'l-ahhar beda jaghti b'idejh u saqajh fuq il-vettura meta suppost zamm kontroll shih tar-rota li kien qed isuq biex b'hekk sehhet il-kollizzjoni.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-Professur Anthony Mamo jghid illi: *"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."*

Illi huwa indubitat illi f'dan is-sinistru stradali l-appellanti naqas fl-imgieba tieghu li kienet wahda ta' rabbja u konfrontazzjoni. Dan iwassal sabiex din il-Qorti tafferma illi ma tara l-ebda mottiv li jista' iwassalha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti kemm fir-rigward tas-sejbien ta' htija ghar-reat tal-hsara involontarja, kif ukoll ghar-reita' li instabet ghall-offiza ta' natura hafifa ikkagjonata mill-appellanti fuq il-persuna tal-parti leza. Kien l-appellanti li dehrlu li kellu iwiegeb ghal din il-konfrontazzjoni bl-aggressjoni fizika u dan meta fir-rabbja tieghu xejjer daqqiet fid-direzzjoni tal-parti leza sabiex b'hekk dan ta'l-ahhar sofra il-griehi kif rappurtati, griehi li *del resto* huma kompatibbli mal-verzjoni tal-incident moghtija mill-istess parti leza meta jikkontendi illi l-appellanti xejjirlu daqqa ta' ponn sabiex b'hekk waqa' fl-art konsegwenza ta'l-istess daqqa, u imbaghad kompla jaghtih daqqiet bis-sieq. Fil-fatt ic-certifikat mediku esebiet in atti jixhed illi l-griehi kienu konsistenti f' "*laceration behind the upper lip*" u "*hip bruising, swelling and redness of skin*."

Illi anke jekk ghal grazzja ta'l-argument din il-Qorti kellha tilqa' l-argument imressaq mill-appellanti illi kien l-parti leza li ghamel il-manuvra bil-vettura ghal fuq ir-rota tieghu sabiex b'hekk spicca dahal fih u allura seta' kien hemm xi negligenza kontributorja tal-vittma meta huwa ma zammx l-attenzjoni fuq it-triq quddiemu u lewa l-i*steering wheel* fid-direzzjoni tieghu, madanakollu dan ma jezonerax lill-appellanti mir-responsabbilita penali tieghu.
*"In criminal proceedings the contributory negligence of the victim does not absolve the person causing the damage, bodily harm or death from criminal responsibility unless it is the only cause of that accident. However it may be taken into account for the purpose of punishment"*. (Il-Pulizija vs David Rigglesford – App.Inf 31/05/2005)

Maghdud dan allura, anke jekk l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni dan il-fattur sabiex tikkalibra l-piena li kellha tigi inflitta fuq l-appellanti, haga li jidher illi ma ghamlitx, madanakollu il-piena erogata mill-Ewwel Qorti xortawahda hija piena ghal kollox miti, li allura din il-Qorti qajla tista' tifhem il-lanjanza imqanqla mill-appellanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tapplika il-provvedimenti ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 fil-konfront tieghu. Izda huwa xortawahda jilmenta illi l-perijodu ta' tlett snin ta' liberta' kondizzjonata kien eccessiv. Din il-Qorti tistqarr illi dan l-aggravvju jirrazenta l-fieragh. Fuq kollox l-appellanti gie misjub hati ta' zewg reati serji u cioe' *in primis* dik tal-offiza fuq il-persuna u di piu' dik tal-hsara involontarja kagjonata minn nuqqas ta' prudenza u buon sens.
Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.
(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur